# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 227/11 RM**

**Alison Cutajar Grech**

**v.**

**Jeffrey Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-attrici u appell incidentali tal-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-30 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha il-Qorti cahdet it-talba tal-partijiet ghall-annullament taz-zwieg taghhom.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“**Il-Qorti,**

“**PREAMBOLU**

“Rat ir-rikors guramentat, li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:-

“1. Illi l-partijiet izzewgu civilment fir-Registru taz-zwigijiet fil-Belt Valletta nhar it-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008);

“2. Illi l-konvenut huwa *"mummy's boy"* per eccellenza u ommu kienet tinfluwenzah f'kollox. Bil-forma mentis tieghu, kien ipoggi lil ommu fl-ewwel post f'kollox u anke lil missieru. Ommu zammet ic-cwievet tad-dar matrimonjali, li hi proprjeta' taghhom u tidhol u tohrog bic-cavetta kif u x'hin trid, hafna drabi minghajr biss preavviz. L-omm, li toqghod fl-istess blokk ta' appartamenti bin-numru 97, Triq iz-Zonqor, Marsascala, tgerger il-hin kollu ghal kull cekcik li tisma, ghall-hoss tax-xower, ghall-kexxun li jinfetah, ghall-bieba tal-gwardarobba, ghal hoss tal-hair dryer, ghall-hoss tal-flushing tat-toilet u ghal kull moviment li jikkrea hoss. Ic-cavetta tal-letterbox tinzamm ukoll minn omm il-konvenut u tircevi l-posta taghhom hi wkoll. Darba minnhom ommu sahansitra poggietilhom buffers bejn kexxun u r-runners li jimxi fuqhom biex telimina l-hoss, minghajr biss ma nfurmatha.

“3. Illi l-konvenut joqghod kif tghidlu ommu kwazi f'kollox. Pero' darba xtara RX7 sports car numbru ta' registrazzjoni LCJ353 bil-mohbi ta' ommu u missieru ghax beza' jghidlhom - tant li kera garage fi triq ftit 'il-boghod biex ma jkunux jafu (dak iz-zmien). Ommu biss tista' tixtrilu l-hwejjeg ta' ilbies. Martu tixtrilu ilbies ghalxejn ghaliex li tixtrilu hi kien ihallihom ghall-garage jew iwarrabhom. Ommu ssajjarlu. Huwa jaghti parti mdaqqsa mill-paga lil ommu. L-omm tinsisti li ssajjarlu u titimghu hi sabiex binha ma jkollux jaghti lil martu xi flus ghat-tisjir. Fil-fatt, il-konvenut ma jaghtiha flus xejn. Gieli jitloblha l-flus tal-petrol biex iwassalha ghax-xoghol. Biex jixtri karozza fina ma ddejjaqx jonfoq, izda lilha kien jghidilha illi ladarba tahdem, ghandha tmantni lilha nfisha. Inoltre, qatt ma kien ifahharha f'xejn hew jikkarezzaha.

“4. Illi apparti dan kollu, il-konvenut ghandu problemi sesswali u meta jibda s-sess ma' martu jkollu jieqaf biex jara film pornografiku ghaliex ma jkunx jista jiffunzjona jekk ma jaghmilx hekk, u jkun iridha tarah mieghu.

Jispicca jaghmel *'intercourse'* maghha filwaqt li jhares lejn il-film dwar nisa ohra.  Imbaghad jaqbad u jhalliha.

"5. Illi l-kontendenti kienu ltaqghu fil-kazin tal-banda gewwa Marsaxlokk fis-sena 2000 meta hi kellha 13 il-sena, kwazi 14.  Huwa kellu 25 sena.  L-ewwel bdew imorru drives flimkien, imbaghad meta hu kellu 26 sena u hi kellha 14, kwazi 15, huwa beda jkollu x'jaqsam maghha sesswalment.

"6. Ili fil-5 ta' Awissu 2005 huma kellhom jizzewgu bil-Knisja Kattolika u kellhom kollox organizzat u mhallas, izda fl-ahhar gimgha ta' qabel it-tieg thassar kollox minhabba indhil fid-decizjonijiet.

"7. Illi l-konvenut ma jridx tfal u b'hekk eskluda l-possibilita' ta' prokreazzjoni.  It-tfal minn dejjem idejjquh, izda qatt ma qalilha li ma jridx tfal miz-zwieg tieghu.

"8. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mposibbli ghall-konvent li jaqdi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

"9. Inoltre, iz-zwieg huwa null minhabba l-eskluzzjoni pozittiva tat-tfal da parti tal-konvenut.

"Talab lil din l-Qorti sabiex:

"i. Tiddikjara z-zwieg civili bejn il-kontendenti null u minghajr effett u dan minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq obbligi li din iggib maghha, u dan da parti tal-konvenut li jassumi l-obbligi matrimonjali, kif ukoll minhabba l-eskluzjoni pozittiva tat-tfal da parti ta' l-istess konvenut.

"Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

"Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

"Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

"Rat ir-risposta guramentata bl-eccezzjonijiet[1] u l-kontro-talba[2] tal-konvenut li espona:

"1. Illi t-talba attrici, in kwantu illi din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tiddikjara z-zwieg civili bejn il-kontendenti null u minghajr effetti mhix qed

[1] a folio 12
[2] a folio 14

tigi opposta, imma qed tigi opposta t-talba tar-rikorrenti in kwantu r-raguni ghaliex iz-zwieg msemmi ghandu jigi dikjarat null u bla effett.

“2. Illi dan qed jinghad peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla effett mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-esponent, izda ghal kuntrarju, ghal-ragunijiet u tortijiet imputabbli lir-rikorrenti, tant illi l-esponent qed iressaq l-kontro-talba tieghu f'dan is-sens billi jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

“3. Illi in kwantu l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors guramentat promortur kontra l-esponent, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' din il-kawza.

“Salv risposta ulterjuri.

“Bl-ispejjes kollha kontra l-attrici li huma minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

“Kontro-talba tal-konvenut

“Jesponi bir-rispett:

“1. Billi l-intimat rikonvenzjonant jixtieq jipprevalixxi ruhu mill-kawza tar-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex jistitwixxi din il-kontro-talba.

“2. U billi l-kontendenti zzewwgu civilment fir-Registru taz-zwigijiet fil-Belt Valletta fit-3 ta' Marzu 2008;

“3. U billi r-rikorrenti rikonvenzjonata dahhlet ghaz-zwieg bejn il-kontendenti b'kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja li ghamiltha mpossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga tal-kontendenti, kolox kif ser jigi ahjar ppruvat fil-kors tal-kawza.

“4. U billi ulterjorment, il-kunsens tar-rikorrenti rikonvezjonanti nghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu.

“5. U billi dan qed jinghad peress, illi, fost ohrajn, madwar sitt xhur qabel iz-zwieg, r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet giet mkeccija mid-dar tal-genituri taghha u sabet rifugju fil-fond proprjeta' tal-intimat rikonvenzjonant, tant li baqghu wara z-zwieg ighixu fl-istess appartament.

“6. U billi kien hemm okkazjonijiet fejn wara x-xoghol taghha bil-lejl, flok tmur id-dar, r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet tmuir go vbar ma' kollegi taghha sat-3.15 ta' fil-ghodu, oltre' ookkazjonijiet ohra fejn kienet tmur lura d-dar wara x-xoghol tghid lil zewgha esponent illi fuq ix-xoghol, ma'

impjegati ohra kienet rat xi video pornografiku fuq il-mobile u okkazjonijiet ohra fejn kienet tuza laptop computer sabiex tara l-pornografija.

“7. U billi kemm qabel iz-zwieg u aghar wara, r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet kostantament taqla argument mal-esponent u f'diversi okkazjonijiet, refghaet idejha, kellmitu hazin, insulentatu, ghajjtet u werzqet mighu, sabbtet u kissret affarijiet u kontantament heddihthu illi kienet sejra ma' rgiel ohra - kollha istanzi dawn illi ma hallewx lill-kontendenti jippjanaw bis-serjeta' hajja mizzewwga u juri illi r-rikorrenti reikonvenzjonata ma hallietx iz-zwieg jimxi sewwa ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija.

“8. U peress illi f'Mejju tas-sena 2011 hija telqet u abbandunat id-dar matrimonjali u wara xhar, ossia f'Gunju 2011 hija r-rikorrenti rikonvenzjonata stess stqarret mal-esponent illi kellha ragel iehor bl-isem ta' Roderick, fatt illi ragghet irreptitet f'Awissu 2011.

“Talab lill din il-Qorti

“1. Illi z-zwieg civili ta' bejn il-kontendenti kkontrattat fit-3 ta' Marzu tas-sena 2008 huwa null u bal effett minhabba nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti rikonvenzjonata kif hawn fuq premess, u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment peress illi r-rikorrenti rikonvenzjonata dahhlet ghaz-zwieg b'kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja li ghamiltha mpossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga u kif ukoll minhabba illi l-kunsens tar-rikorrenti rekonvenzjonanti nghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu.

“Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata[3] ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn esponiet is-segwenti:

“1. Illi r-ragunijiet moghtija mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu ma humiex minnhom. L-esponeneti lanqas biss ghandha *laptop.* L-unici PCs fid-dar taghhom huma *desktop computer* tieghu u *laptop* tieghu, u dawn kienu msakkrin bil-*password* tieghu.

“2. Illi l-*video clip* fuq il-mobile ma kienitx taghha u ma kellhiex x'taqsam maghha. Li gara kien illi wiehed *kitchen hand* li jahdem maghha fir-Restaurant ta' missierha beda jiftahar li fil-mobile kellu *video clip* ta' mara jkollha relazzjoni ma' zewgt iklieb, haga li qanqlet il-kurzita' ta'

[3] a folio 17

kullhadd. Wara, l-esponenti marret id-dar u qalet lil zewgha x'kien gara fuq il-post tax-xoghol, ghaliex kienet ixxokkjata.

“3. Illi dwar glied u storbju, dan kien jigri meta kienet issib ruhha konfrontata bi glied minn kull naha, cioe Jeffrey, ommu u missieru. Missier Jeffrey lanqas ried ihallihom jixtru dining table, u kien jghidilha "kieku kont ragel ga' capcaptielek". Izda, mhux veru li kissret xi haga. Fil-fatt, kien ir-ragel li kien jaqbadha fizikament meta jkun argument kolletttiv u hija kienet timbuttah biex jitlaqha. Ma kienetx hi li terfa' idejha.

“4. Illi darba minnhom zewgha taha *head butt* u hadha dritt fuq imnehirha u weggaghha. Hi ma rrapurtatux ghax wara mar jiskuza ruhu maghha.

“5. Illi mhux minnu li missierha kecccieha minn daru. Hija difatti tahdem mieghu fir-Restaurant "Il-Bukkett" f'Marsaxlokk, li hu tieghu. Missierha anke taha flat fejn toqghod, izda Jeffrey ried joqghod fil-flat magenb ommu u rrifjuta li jmur jghix ma; martu ghal rashom. Ghalhekk, kien *mummy's boy.*

“6. Illi Roderick u l-famililja tieghu huma klijenti regolari tar-Restaurant u ghahekk huma kkunsidrati parruccani. izda mhux minnu li l-esponenti qatt harget jew qieghda tohrog ma' dan Roderick.

“7. Illi l-konvenut isemmi harga sat-3.15 din kienet okkazzjoni ta' darba. L-istaff kollha tar-Restaurant hargu flimkien u marru "Is-Sajjied" imbaghad il "Power Bar" izda ma' l-esponenti kien hemm il-hin kollu prezenti missierha Mario Grech. Ghalhekk, xejn minn dak li qed jallega l-konvenut ma huwa veru. Meno male li mhux qed jopponi l-annulament ghax jaf li ma kienx hemm il-hwejjeg essenzjali ghal zwieg validu.

“Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

“Semghet ix-xhieda viva voce;

“Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat:

“**Provi**

“Mill-provi mressqa jirrizulta illi wara tmien (8) snin johorgu flimkien il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Marzu 2008 u dan meta l-attrici kellha 23 sena u l-

konvenut kellu 35 sena. Ftit wara li bdew johorgu flimkien kien ikollhom x'jaqsmu sesswalment u dan kien meta l-attrici kellha 15 il-sena.

"Zwieg Kattoliku, li kien ippjanat issir fit-2005, gie mhassar ghax, skond kif tghid l-attrici, kien hemm indhil fid-decizjonijiet u skond kif jghid il-konvenut kien thassar fuq decizjoni ta' l-attrici.

"Il-hajja konjugali ma kienetx wahda facli minhabba ragunijiet diversi fosthom vjolenza fizika miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin u ulterjorament adulterju. F'Mejju 2011, tlett snin wara li zzewgu l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali u marret tghix ma' persuna ohra.

"*Verzjoni Attrici*

"L-attrici tibbaza ix-xhieda taghha fuq il-hajja konjugali mal-konvenut specjalment fuq l-imgieba ta' omm l-konvenut fil-konfront ta' binha l-konvenut li hi tiddeskrivi bhala '*mummy's boy'.* Taghti diversi ezempji tad-dominanza li kellhom il-genituri tal-konvenuti, specjalment l-omm, fuqhom. Ma jintqal xejn fuq l-gherusija jew x'kien jigri qabel iz-zwieg. Ghalkemm tghid li kienu bdew ilkollhom intimita' sesswali minn mindu kellha 15 il-sena, tispjega kif '*l-konvenut ghandu problemi sesswali'* [4]

"Tghid ukoll li '*l-konvenut ma jridx tfal ..It-tfal minn dejjem idejjquh, izda qatt ma qallilha li ma jridx tfal miz-zwieg tieghu.'*[5]

"**Missier l-attrici jixhed**: '*Hija kienet tifla bil-ghaqal u tfaddal il-flus........Jien ma kontx kuntent b'din id-differenza kbira fl-eta', apparti li hi kienet ghadha taht l-eta'. Kont inkwetat hafna, .....kienu jitlewwmu ta' spiss mal-familja tieghu u jien kont nibqa' sejjer ghandhom mill-hanut biex nara x'gara lit-tifla. Ippruvajt nifthilha ghajnejha billi kienet ghadha tmur l-iskola, u kien imur ghaliha mill-iskola b'karaozza sabiha, izda din kienet l-ewwel imhabba taghha u ntilfet warajh avolja l-fatti kienu kollha juru li ma kienx addattat ghaliha. Iddecidew li jizzewgu u jien staqsejthom jekk kienux kuntenti b'din id-decizjoni. Meta rajthom decizi tajtha LM5,000 biex tkun tista' thallas l-ispejjez tat-tieg...........Alison ghamel kif qal hu ghax kienet thobbu. Kienet taqtiha kontinwa bejn Alison u l-genituri ta' Jefrey, li kienu jikkmandawlha hajjitha...........Jeffrey ried jiddeverti bit-tifla'*

"***Verzjoni konvenut***

"Il-**konvenut** jghid li *"kemm qabel iz-zwieg u ghake wara, r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet kostantament taqla argument mal-esponent u f'diversi okkazzjonijiet refghat idejha, kellmitu hazin, insulentatu, ghajjtet u werzqet mieghu, sabbtet u kissret affarijiet u konstantament heddithu illi*

[4] Rikors guramentat a folio 2
[5] ibid

*kienet sejra ma' rgiel ohra - kollha istanzi dawn illi ma hallewx lill-kontendenti jippjanaw bis-serjeta' hajja mizzewwga.'*

"Matul il-hajja konjugali l-konvenut jilmenta li l-attrici ma kienetx issajjar peress li kienet tiekol fir-Restaurant ta' missierha fejn kienet tahdem.

"Fil-kontro-ezami tal-konvenut ghall-mistoqsijiet dwar l-attegjament sesswali mal-attrici ghazel li ma jirrispondiex.

"**Missier il-konvenut,** l-uniku xhud li jaghti xi hjiel fuq il-hajja ta' qabel iz-zwieg jirrakonta: "*Alison Cutajar ilha tigi d-dar ma' Jeffrey minn Marzu tas-sena 2000. Kienet tigi darbtejn jew tlieta fil-gimgha u jien u marti dejjem lqajnieha u stmajnieha qisha kienet t-tifla taghna. Meta konna nieklu, kinet tiekol maghna u konna nehduha maghna wkoll meta konna mmorru nieklu barra. Meta konna naghmlu BBQ kienet tigi, u anke gieli hadniha maghna t-Teatru Manoel u l-Istitut Kattoliku."*[6] Kienu l-kontendenti li flimkien iddecidew li jizzewgu u li joqghodu fl-appartament li offrewlhom il-genituri tal-konvenut.

> "*Ftit qabel it-tieg f'Awissu 2005, Alison kellha argument ma' Jeffrey, bdiet tghajjat u twerzaq u telqet. Xi granet wara Jeffrey qalli li Alison kienet hassret it-tieg. Din kienet daqqa ta' harta kbira ghalina ghax kien hemm kollox lest u kellna nhassru kollox u ncemplu lil mistiednin u l-familjari taghna biex ninfurmaqhom li z-zwieg thassar."*[7]

"Fit-2007 l-attrici marret tirresjedi mal-konvenut ghal xi raguni jew ohra u skond dan l-istess xhud *"baqghet fl-appartament ma' Jeffrey sakemm izzewgu hames xhur wara, jigifieri f'Marzu 2008."*

"Wara iz-zwieg, missier l-konvenut jghid: *"Alison inbidlet mill-lejl ghan-nhar. L-attitudini taghha lejna bdiet issir wahda ta' ftit kliem. Jeffrey u Alison kienu jiehdu mill-ikel li nsajru ahna, ghax Alison ma ssajjarx, izda hi ma kienitx titla tiekol maghna izda tkun trid li Jeffrey inizzel il-platt taghha fl-appartament taghhom."*[8]

"**L-Azzjoni**

"L-attrici fil-premessi taghha qeda titlob li z-zwieg taghha mall-konvenut jigi dikjarat null ghaliex il-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg: i) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenut li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali

[6] Affidavit Missier il-konvenut a folio 41
[7] ibid
[8] ibid a folio 42

ghaz-zwieg; ii) kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva tat-tfal da parti tal-konvenut u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Il-konvenut fil-premessi tieghu jiddikjara illi ma jopponiex it-talba tal-attrici li iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett imma dan minhabba ragunijiet u tortijiet imputtabli lill-rikorrenti peress li kienet ir-rikorrenti li dahlet ghaz-zwieg b'kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga u kif ukoll minhabba illi l-kunsens tar-rikorrenti rikonvenzjonanti nghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innisfu u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Artikolu 19 (1) tal-Kap 25**5 jipprovdi illi:

“B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

*“(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*
*“(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

“Ikkunsidrat:

“Fir-rigward tas-sub inciz (f) jinghad is-segwenti:

“Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (**P.A. 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwawqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe saret simulazzjoni parzjali.*

“Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) intqal illi "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responabilita' tal-familja."*

“Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

“Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg sabiex jghix hajja konjugali izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.

“Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'xi wahda jew xi ohra minn tali intenzjonijiet. L-ebda parti ma xehdet fuq iz-zmien ta' qabel iz-zwieg jew fuq dak in-nhar tat-tieg meta nghata l-kunsens. L-attrici tallega li l-konvenut ma riedx tfal pero din l-allegazzjoni ma gietx sostanzjata u giet kontradetta mill-konvenut. Il-konvenut jghid li l-attrici eskludiet iz-zwieg innifsu meta izzewget, u bhala ezempju ta' dan jghid ghaliex ma kienetx issajjar. Il-hajja konjugali lanqas lehqet stabbilit ruha meta l-partijiet telqu ghar-rashom. Mill-provi jirrizulta li l-inkwiet inqala' wara z-zwieg minhabba l-indhil ta' omm il-konvenut. Ma jirrizultax mill-atti li l-konvenut eskluda z-zwieg waqt li nghata l-kunsens matimonjali.

“Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggix.

“Ikkunsidrat;

“Fir-rigward tas-**sub inciz (d)** jinghad is-segwenti:
Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li il-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga..

“Fil-kawza "**Atkins Charles Vs Atkins Matilde"** (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat sabiex it-talba attur tigi akkolta:

> “*"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-*

> *prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*"

"Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

"Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) inghad illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

"Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the*

*object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

"Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996) dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

"Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwie*g *illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwie*g *annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwie*g *jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwie*g *u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor."*

*"Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

"("**Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deciża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika f'kull kawża ta' annullament ta' żwieg anke fejn ikun hemm ammissjoni tat-talbiet attrici.

"L-istess sentenza tkompli tghid: *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" B'immaturita' affettiva*

*wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

“Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996) dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.'*

“Tenut kont li l-artikolu tal-ligi in dizamina huwa riproduzzjoni tal-Canone 1095 tal-Kodici Canoniku il-Qrati taghna spiss iccitaw studji fuq dan l-artikolu tal-ligi Kanonika.

“Dwar il-frazi ‘difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju’ jinghad hekk f’decizzjoni iccitata mill-awturi fuq is-suggett:

> *“Discretion of judgment that is proportionate to marriage demands the capacity firstly of understanding the essential obligations of marriage, at least in substance, and secondly of freely choosing to assume those obligations. As regards the capacity of understanding, a speculative or abstract understanding is not enough; one must also have a practical understanding, which presupposes experience in living, about the particular marriage to be celebrated, with this person, in these circumstances, with some understanding of the particular difficulties both present and future insofar as they can be seen and with a sense of the responsibility and seriousness of the obligations that are being undertaken. As regards the capacity of freely choosing marriage, it is required that the decision to enter marriage be based on reasonable motives after sufficient deliberation and not on pathological motives, and it is also required that the will be able to order the decision into execution.” (Coram Pinto, Dicembru 18, 1979, SRRDec 71 (1979) 587 – 588. iccitata fil-ktieb ‘**New Commentary on the Code of Canon Law**’ (Canon Law Society of America, New York, Paulist Press, 2000).*

“**Ikkunsidrat;**

“In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il-fuq kif ukoll mill-provi li gew migbura fil-mori ta' din il-kawza, jirrizulta bl-aktar mod car li waqt l-gherusija, kemm l-attrici u kemm l-intimat kellhom zmien bizzejjed sabiex isiru jafu sewwa li xulxin - kienu anke ghexu flimkien qabel iz-zwieg.

"Missier l-attrici jikkonferma l-ezistenza tal-volonta' tal-partijiet qabel ma izzewgu - "I*ddecidew li jizzewgu u jien staqsejthom jekk kienux kuntenti b'din id-decizjoni. Meta rajthom decizi tajtha LM5,000 biex tkun tista' thallas l-ispejjez tat-tieg...........Alison ghamlet kif qal hu ghax kienet thobbu."* Missier il-konvenut ikkonferma li l-kontendenti li flimkien iddecidew li jizzewgu u li joqghodu fl-appartament li offrewlhom il-genituri tal-konvenut.

"Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba, hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg ma kien afflitt bl-ebda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg - ma kien hemm l-ebda fatturi psikologici li setghu ostakolaw l-ghazla libera tal-partijiet u irrendihom inkapaci jaghtu kunsens validu. Iz-zewg partijiet kienu it-tnejn liberi u it-tnejn volontarjament dahlu ghaz-zwieg.

"Fix-xhieda taghha moghtija bil-mezz tal-affidavit l-attrici tikkontendi li z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null peress li l-konvenut huwa 'mummy's boy' u tirrepeti din il-frazi diversi drabi. Tghid illi ommu kienet tinfluwenzah f'kollox u joghod kif tghidlu ommu kwazi f'kollox.Tiddeskrivi sensiela ta' cirkostanzi matul iz-zwieg, li filwaqt li huma kontestati mill-konvenut, fil-verita' huma ragunijiet li jistghu fl-ahjar ipotesi ghall-attrici jikkwalifikaw bhala premessi ghal separazzjoni personali, izda mhux sufficjenti sabiex jigi dikjarat zwieg null.

"Fl-affidavit tieghu l-konvenut jaghti spjegazzjoni dettaljata fejn jikkontesta u jaghti spjegazzjoni plawsibbli ghall-kull akkuza lejh diretta mill-attrici biex juri li mhux veru li hu kien mahkum mill-genituri tieghu.

"L-attrici tallega li l-konvenut kien eskluda li jkollhom it-tfal. Dan huwa michud mill-konvenut.

"Dwar il-vizzjoni ta' films pornografici jirrizulta illi fl-epoka in kwistjoni kienu iz-zewg partijiet li qed jarawhom u ma jirrizultax li xi hadd minnhom kien qed jarhom ta' bil-fors. Jirrizulta illi kienet libera xelta taghhom it-tnejn. Fi kwalunkwe kaz il-vizzjoni ta' films pornografici miz-zewg partijiet flimkien ma jwassalx ghall-annullament taz-zwieg.

"L-agir tal-genituri rispettivi tal-partijiet wara z-zwieg, anke jekk iz-zewg partijiet jikkontrastaw il-verzjoni tal-parti l-ohra, m'ghandhom l-ebda rilevanza ghall-finijiet tal-kunsens tal-partijiet fil-mument li taw il-kunsens taghhom ghaz-zwieg minnhom ikkontrattat. Jirrizulta illi wara li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali f'Mejju 2011 il-konvenut dam sitt xhur jaghmel tentativi sabiex isalva iz-zwieg taghhom. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi iz-zewg partijiet taw kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-lanjanzi tal-

partijiet jinkwadraw bhala rilevanti f'kawza ta' tkissir taz-zwieg izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg.
"Rilevanti ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **MM Vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994 (Qorti tal-Appell Superjuri) fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.

"Fil-fehma tal-Qorti it-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali imsejsa fuq is-subi-inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 ma gewx sodisfacentement sostanzjati.

"**DECIDE**

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-partijiet sakemm kompatibbli ma' dak deciz supra, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici kif ukoll tichad it-talbiet rikonvenzjali.

"Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija billi tilqa' t-talbiet taghha u tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet bhala null u bla effett;

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha fil-waqt li qabel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null, ippropona appell incidentali fejn talab appuntu tali dikjarazzjoni izda ghal ragunjiiet differenti u li gew imsemmija minnu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi bazikament l-appellanti qed tilmenta illi ghall-kuntrarju ta' dak kontenut fis-sentenza appellata, hija ressqet provi bizzejjed biex il-Qorti kellha tiddikjara z-zwieg null skont l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) – ghalkemm dan l-ahhar subinciz mhux indikat testwalment kif se jigi spjegat aktar il-quddiem, tal-Att dwar iz-Zwieg. Da parti tieghu il-konvenut sostna fl-appell incidentali tieghu li z-zwieg huwa null ukoll skont l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) izda ghal ragunijiet imputabbli lill-appellanti.

Qabel ma tidhol fl-aggravji tal-partijiet il-Qorti se taghti t-tifsira taz-zewg sub incizi li fuqhom il-partijiet qed jibbazaw it-talba taghha kif gew spjegati tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006) b'dan il-mod;

> "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe` liz-zwieg bejn il-kontendenti ghandhu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.
>
> "..  is-sub inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jekk ikun affetwat b'anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.  Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.
>
> "Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja

> mizzewga jew id-dritt ghall att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att posittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandhu jigi enfasizzat li nullita' ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti fil-waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, propju l-att posittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Fil-kawza **Nicholas Agius v. Rita Agius** (25 ta' Mejju 1995) intqal illi: "b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita`; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irirkjeda maturita` shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg". F'dan is-sens gew decizi wkoll il-kawzi **Angela Spiteri v. Joseph Spiteri** (4 ta' Novembru 1994), **Robert Attard v. Josephine Attard** (18 ta' Ottubru 1995) u **Janet Portelli v. Victor Portelli** (14 ta' Awwissu 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li "biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomlaija psikologika fi-sens

mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta` tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".

Fi kliem iehor il-Qorti korrettement indikat li dawn iz-zewg kawzali ma jistghux jissussistu flimkien. L-appellanti, barra li qed tallega difett serju ta' diskrezzjoni da parti tal-konvenut, izzid li dan ma kellu ebda intenzjoni li jkollu tfal miz-zwieg u allura eskluda element essenzjali tal-istess zwieg. Huwa ghalhekk li aktar qabel il-Qorti qalet li ghalkemm is-subinciz (f) ma giex indikat testwalment fl-atti, l-appellanti qed titlob l-annullament anke a bazi ta' dan l-istess subinciz.

Illi fil-kawza **Anthony Gallo v. Dr Anthony Cutajar et nomine** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt tal-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **Al Chahid v. Mary Spiteri** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inghad li "wiehed jinnota li taht l-Artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gia` mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' "l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga", u cioe` simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed v. Dr Yana Micallef Stafrace et** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied". L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina v. Aquilina** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **Grech v. Grech** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990).

**AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

**L-ewwel aggravju** huwa li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti. Kif inghad diversi drabi din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet

**Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor".

Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja **Attard v. Direttur General tas-Sahha Qorti tal-Appell**, (30 ta' Mejju 2014). Il-Qorti jidrilha li b'mod generali, ma hemm xejn fis-sentenza appellata li jwassal lil din il-Qorti biex tiddisturba l-apprezzament ta' dik il-Qorti dwar il-fatti hlief ghall-fatt li l-eta` eccessivament zghira li kellha l-attrici meta bdiet ir-relazzjoni taghha mal-appellat, kienet zgur fattur li wassal ghal zwieg li ma kellux wisq cans jirnexxi. Biss din il-Qorti taqbel li l-partijiet kellhom zmien bizzejjed iqisu r-

riperkussjoniet tad-decizjoni taghhom illi jizzewwgu kif spjegat l-ewwel Qorti.

**It-tieni aggrravju** huwa li l-partijiet qed jaqblu illi z-zwieg ghandu jkun annullat. Madankollu dan ma jfissirx wisq, ghaliex kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... ... ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita` ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero` dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew tal-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju" (**Anna Tonna v. Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991). L-istess kuncett gie enfasizzat fil-kawza deciza mill-istess Qorti fl-14 ta' Dicembru 1994 fl-ismijiet **Maria Spiteri v. Anthony Spiteri**. Dan japplika anke allura fil-kaz odjern u l-aggravju relattiv huwa respint.

**Ir-raba' u l-hames** aggravji jirreferu sostanzjalment ghal talba biex jigi rivedut il-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha; izda kif gia` ssemma' aktar qabel din il-Qorti taqbel mal-mod kif dan sar mill-ewwel Qorti u kwindi tichad ukoll dawn l-aggravji.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut qatt ma kellu intenzjoni li huma jkollhom tfal miz-zwieg ta' bejniethom. Is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Anna Galea v. John Walsh** (VDG) deciza fit-30 ta' Marzu 1995, tispjega b'mod dettaljat ic-cirkostanzi meta eskluzjoni tal-partijiet jew xi hadd minnhom li miz-zwieg ikun hemm it-tfal ghandha twassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita`. F'dik il-kawza, l-agir tal-konvenut li jipprokrastina kontinwament fil-hsieb li l-partijiet jippruvaw ikollhom ulied induciet lill-Qorti biex tikkonkludi li bhala fatt huwa kien eskluda wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Ezami tad-depozizzjoni tal-partijiet f'dan il-kaz iwassalha ghall-istess konkluzjoni ghalkemm f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tantx tikkonsidra f'dan ir-rigward depozizzjonijiet ohra ghaliex din hija decizjoni li jehduha l-partijiet fl-intimita` ta' bejniethom u huma biss ikunu xhieda attendibbli fl-istess rigward. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li lanqas l-appellanti ma kellha wisq hegga biex tbiddel il-fehma tal-appellat u ghalhekk ghalkemm se tilqa' t-talba attrici a bazi ta' din it-talba se tiehu kont ta' dan meta tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.

**KONTRO TALBA**.

Kif inghad, il-konvenut appellat ippropona kontro talba u semma' zewg aggravji fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-appell. **L-ewwel aggravju** fil-fatt huwa wkoll dwar l-apprezzament tal-fatti mill-Ewwel Qorti, izda kif gia` spjegat, salv ghat-tielet aggravju tal-appellanti, din il-Qorti tikkondividi ghal kollox il-hsibijiet tal-Ewwel Qorti.

**Fit-tieni aggravju** tieghu l-konvenut jghid li kontrarjament ghal dak illi ikkonkudiet l-Ewwel Qorti, l-appellanti ma kellhiex il-maturita` necessarja biex tikkontratta z-zwieg. Biss kif gia` ssemma', il-Qrati taghna f'sitwazzjonijiet simili, enfasizzaw il-fatt illi l-ligi ma tistennix lill-partijiet kontraenti ghaz-zwieg ikollhom il-maturita` kompleta li jkunu konsapevoli ghall-obligazzjonijiet (mhux biss legali) li jkunu dehlin ghalihom meta jiddeciedu li jizzewwgu **Agius v. Agius, supra**. Kieku il-maggoranza kbira taz-zwigijiet ikunu nulli u ghalkemm jirrizulta li l-appellanti kienet ghadha ta' eta` zghira hafna meta bdiet tohrog mal-appellat, meta zzewwgu hija kellha 22 sena u allura suppost kienet qed tifhem x'qed taghmel fil-waqt li l-appellant incidentali kellu zmien bizzejjed biex iqis il-livell ta' maturita` taghha o meno. Dwar id-diversi allegazzjonijiet ta' x'gara wara z-zwieg, dawn mhumiex rilevanti f'kawza bhal din izda f'wahda ta' separazzjoni –

dejjem salv ghal dawk l-azzjonijiet li jistghu jitfghu dawl fuq l-istat ta' fatt fil-mument taz-zwieg.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara null iz-zwieg celebrat bejn il-partijet fit-3 ta' Marzu 2008 ai termini ta`l-Artikolu 19 (1) (f) fuq imsemmi; tichad l-appell incidentali.

L-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi imsemmija jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df